# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 14**

**Rikors numru 825/2009 SM**

**Carmelo Vella**

**v.**

**Stefania Schembri Coleiro u b'digriet tat-13 ta' Awissu, 2010, l-avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominate Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw l-eredi incerti ta' Henry Coleiro**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attur Carmelo Vella, li gie pprezentat fil-25 ta' Awwissu, 2009, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi huwa kien feda f'idejn il-konvenuta Stephanie Coleiro u l-konvenut Henry Coleiro flimkien, is-somma ta' €27,952.48 u

talabhom sabiex izommulu dawn il-flus ghal perjodu qasir minhabba f'ragunijiet personali u dan f'Novembru 2007;

"2. Illi wara li l-konvenut Henry Coleiro miet tragikament, l-attur talab lill-konvenuta sabiex ittih flusu lura, pero` din ghad li ma nnegatx li l-flus gew kkonsenjati lilha, qed iggib certi skuzi sabiex lill-attur ma thallsux u b'hekk, qed timmisappropja ruhu flus a favur taghha indebitament;

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha

"1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, jirrifondu lura s-somma ta' €27,952.48.

"Bl-ispejjez u bl-imghax;

"Il-konvenuti ingunti in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Stephanie Coleiro tat-13 ta' Awwissu, 2010, li permezz taghha eccepiet:

"(1) Illi l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi t-talba attrici hija totalment u kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghha, u dana kif ser jirrizulta fil-mori ta din il-procedura. Illi fil-fatt, l-attur qatt ma kkonsenja jew ittrasferixxa xi ammont ta' flus lil jew a favur il-konvenuta kif qed jippretendi u ghaldaqstant dana qatt ma jista' jitlob refunzjoni ta' ammont illi fil-verita` qatt ma inghata.

"(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-ligi.

"(3) Illi b'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, l-esponenti tirrileva s-segwenti:

"a. Illi l-attur ma ghadda l-ebda ammont ta' flus lill-konvenuta Stefania Coleiro. Illi fil-fatt l-esponenti qatt ma kienet semghet jew altrimenti iltaqghet ma' l-attur u l-ewwel darba illi semghet b'dina l-kwestjoni kien f'Marzu, 2009 wara illi giet avvicinata mill-attur ftit jiem wara l-mewt tragika ta' huha Henry Coleiro;

"b. Illi l-konvenuta tichad bil-qawwa kollha ukoll l-allegazzjoni illi meta giet avvicinata mill-attur kif premess, hija ma nnegatx li l-flus gew konsenjati lilha. Fil-fatt hija minn

dejjem cahdet dan, tant illi kient talbet l-intervent tal-Pulizija sabiex tali pretensjoniji ma tergax tigi avanzata.

“Bl-ispejjez kontra l-attur.”

3. Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Lilian Buhagiar, li gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eredi ncerti tal-konvenut Henry Coleiro, li permezz taghha eccepew:

“1. Illi huma, fil-kwalita` taghhom ta’ kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi ncerti ta’ Henry Coleiro m’humiex presentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar ‘il quddiem.

“2. Illi in vista tas-suespost, huma jirrimettu ruhhomj ghall-gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

“3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

4. Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta’ Jannar, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

“20.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu, u ghalhekk, filwaqt li:

“20.1. Tirrespingi t-talbiet tieghu;

“20.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

“20.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Carmelo Vella.”

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi l-fatti kif elenkati mill-abbli perit legali fuq riferit, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"11.1. Illi r-rikorrenti jallega relazzjoni tajba mall-mejjet Henry Coleiro, (ara foll 91);

"11.2. Illi allegatament meta r-rikorrenti kellu l-inkwiet mall-mara tieghu f'April, 2007, l-imsemmi Henry offra li jzommulu xi flus biex ma jittihdux minn mart ir-rikorrenti, (ara foll 91);

"11.3. Illi allegatament l-istess Henry kien issuggerixxa li l-flus in dizamina zzommhom l-intimata Stefania Schembri Coleiro, (ara foll 91);

"11.4. Illi r-rikorrenti jallega li accetta l-parir *de quo*, (ara foll 91);

"11.5. Illi r-rikorrenti jallega li ghadda l-flus in dizamina fil-bini tal-*General Workers Union*, il-Belt, fejn l-istess rikorrenti u l-imsemmi Henry kienu jahdmu bhala ufficjali tas-sigurta`, (ara foll 91);

"11.6. Illi l-istess rikorrenti jsostni li ghadda l-flus *de quo* fil-prezenza ta' zewg (2) persuni ohra, (ara foll 91), li jikkonfermaw l-istess konsenja allegata mir-rikorrenti, (ara foll 91);

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi l-intimata fuq riferita ssosstni sintetikament is-segwenti:

"12.1. Illi ssotni li lir-rikorrenti ma tafux, (ara foll 93);

"12.2. Illi r-rikorrenti qatt m'ghaddiela flus u qatt ma tkellmu flimkien, (ara foll 93);

"12.3. Illi tallega li r-rikorrenti kien cemplilha u talabha ttieh il-flus li kien hemm fis-*safe* tal-branka tal-Fgura tal-*Bank of Valletta*, (ara foll 93);

"12.4. Illi *di piu`,* tichad li offriet *speedboat* lir-rikorrenti, liema dghajsa sparixxiet ftit wara li miet huha Henry, (ara foll 93);

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi l-istess abbli espert legali involut jistabilixxi s-segwenti principji:

"13.1. Illi l-versjonijiet ipprezentati huma dijametrikament konfliggenti, (ara foll 95);

"13.2. Illi *ai termini* tal-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti li jallega jrid jipprova it-talbiet tieghu, (ara foll 95);

"13.3. Illi in effetti l-obbligu statutorju riferit fil-paragrafu precedenti li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah hu effettivament riflessjoni felici tal-massima Latina li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*;

"13.4. Illi qed issir ampja referenza ghall-kazistika riferita mill-abbli perit legali fir-rigward, u a skans ta' ripetizzjoni inutili, qed titqies li tifforma parti integrali mill-istess sentenza odjerna fir-rigward, (ara foll 95);

"Ikkunsidrat:

"14. Illi pero` din il-qorti ma' tistax tavalla l-kumplament tar-relazzjoni *de quo*, specjalment fejn ikkonkludiet li qed tikkundanna lill-Kuraturi Deputati biex ikunu huma li "jirrifondu lura s-somma ta' €27,952.48, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza";

"Ikkunsidrat:

"15. Illi ghandu jkun pacifiku f'dan ir-rigward li Kuraturi Deputati huma effettivament fil-posizzjoni li jirrapprezentaw persuna jew persuni li ghal xi raguni jew ohra jkollhom il-htiega ta' rappresentanza;

"16. Illi tali Kuraturi ma jistghux jigu imhabba f'hekk akkollati bl-oneru finanzjarju li l-abbli espert legali ghogbu jakkollhom bih *stante* li huma ghal kollox estranei ghar-relazzjonijiet allegati mill-kontendenti;

"Ikkunsidrat:

"17. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tirrespingi l-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-abbli espert legali *stante* li logikament insostenibbli;

"Ikkunsidrat:

"18. Illi mill-bqija jirrizulta li fl-essenzjalita` taghha il-procedura odjerna wasslet biss biex tipprezenta zewg (2) posizzjonijiet kontrastanti li lkoll jirrizultaw ibbazati fuq allegazzjonijiet kontrastanti u konfliggenti;

"19. Illi ghalhekk din il-qorti, in vista tas-suespost ma tqisx li r-rikorrenti irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet minnhu vantati;"

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Carmelo Vella, li permezz tieghu, l-appellant talab li din il-Qorti tiddikjara l-ewwel sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi nhar it-22 ta' Jannar, 2015, bhala nulla u ghalhekk talab lil din il-Qorti tirrinvija l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-gudizzju finali mill-gdid u fin-nuqqas li tilqa' t-talba preliminari tieghu ta' nullita`, titlob li s-sentenza appellata tigi revokata *in substantia* billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-appellanti.

7. Rat ir-risposta tal-konvenuta appellata, li permezz taghha talbet lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Jannar, 2015 u dan senjatament fejn laqghet l-eccezzjonijiet taghha u b'hekk tichad l-appell tal-appellant u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

8. Rat li ghalkemm il-kuraturi deputati kienu debitament notifikati, huma naqsu milli jressqu risposta tal-appell.

9. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi dan il-kaz jitratta pretensjoni tal-attur li jigi mhallas lura depozitu ta' flus kontanti fl-ammont ta' Lm12,000 (ekwivalenti ghal €27,952.48) li allegatament ghamel mal-konvenuti ahwa Coleiro f'Novembru, 2007, liema depozitu ma sar bl-ebda forma ta' skrittura, izda jinghad li sar fuq bazi tal-fiducja u hbiberija li kien hemm bejn l-attur u l-familja tal-konvenuti. L-attur jikkontendi li wara li miet il-konvenut Henry Coleiro, talab lill-konvenuta taghtih il-flus lura u peress li gabet diversi skuzi sabiex ma ssirx tali rifuzjoni, jishaq li l-konvenuta qeghda izzomm indebitament flus tieghu. Kwindi l-attur talab li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati jirrifondu l-ammont fuq imsemmi.

12. Il-konvenuta tichad li qatt sar tali depozitu maghha u ghalhekk ma jistax jintalab rifuzjoni ta' ammont li qatt ma' inghata. Hija tikkontendi li hija qatt ma ltaqghet mal-attur u li l-ewwel darba li semghet bil-pretensjoni tieghu kienet f'Marzu, 2009, ftit jiem wara l-mewta tragika ta' huha Henry Coleiro, meta giet avvicinata mill-istess attur. Il-konvenuta ssostni li dejjem cahdet li nghatat xi flus mill-attur u anke talbet l-intervent tal-Pulizija fir-rigward. Mentri l-kuraturi deputati wiegbu li peress li mhumiex edotti mill-fatt, jirrizervaw li jaghtu risposti ulterjuri fil-futur u ghalhekk irrimettew ruhhom ghall-gudizzju tal-Qorti.

13. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur u laqghet ir-risposti tal-konvenuti kollha, peress li ma qisetx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu, bl-ispejjez tal-proceduri kontra l-attur Carmelo Vella.

14. L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha. L-appell tieghu jissejjes fuq zewg aggravji principali: (i) li s-sentenza appellata mhux motivata u ghalhekk ghandha tigi ddikjarata nulla u (ii) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti.

15. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-attur appellant, filwaqt li jiccita gurisprudenza fis-sens li r-rekwizit tal-motivazzjoni mahsub fl-Artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), jkun sodisfatt jekk il-Qorti tiddikjara li taqbel mar-ragunijiet moghtija mill-perit legali u ghalhekk r-ragunijiet moghtija mill-perit legali jkunu saru tal-Qorti wkoll, jilmenta li peress li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti ma qablitx mal-perit legali, hija kellha taghti motivazzjoni u fin-nuqqas is-sentenza hija nulla.

16. Ghandu jinghad mal-ewwel li, dan l-aggravju tal-attur appellant ma jregix. Jibda billi jigu osservati xi principji regolatorji bhal: li huwa dejjem mehtieg li l-Qrati jaghtu r-ragunijiet ghad-decizjoni taghhom (Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li kull dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorja ghandha tkun fid-dispozittiv tas-sentenza (Artikolu 219 tal-

Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Hekk ukoll, huma biss dawk l-eccezzjonijiet mahsuba taht l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jigu decizi b'kap ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu u li din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' eccezzjoni ta' nullita` ta' sentenza, jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha (Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Kif inghad minn din il-Qorti recentement, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **Ethel Muscat et v. Mary Mangion et:**

> *"Illi n-nullita` ta' sentenza hija ċirkostanza li titlob l-eżistenza ta' raġuni serja, dwar xi kontinġenza maħsuba mil-liġi, li trid tkun ippruvata kif imiss minn min iqajjem l-eċċezzjoni tas-siwi tagħha u, fuq kollox, li trid tkun ippruvata kif imiss mill-istess eċċipjent. Minbarra dan, l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza appellata tkun ġusta fil-qofol tagħha u jekk kemm-il darba ma tkunx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, nuqqas ta' ċitazzjoni, l-illeġittimità tal-persuna, l-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni, jew jekk ikun fiha xi difett li jġib ħsara lill-jedd tas-smigħ xieraq tal-parti[1]. Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li safejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata[2], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha[3];"*

17. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li n-nuqqas ta' motivazzjoni ma taqax fil-parametri mahsuba fl-Artikolu 790 tal-Kap. 12. Fi kwalunkwe` kaz, is-sentenza f'dan il-kaz titqies debitament motivata, peress li effettivament l-ewwel Qorti, wara li ppremettiet it-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, elenkat il-fatti fil-qosor, u imbaghad

[1] Art. 790 tal-Kap 12
[2] App. Ċiv. 7.10.1991 fil-kawża fl-ismijiet *Mallia v. Manager Water Works Department* (Kollez. Vol: LXXV.ii.446)
[3] App. Inf. PS 20.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja*

adottat il-parti tal-konkluzjoni tal-perit legali sa fejn jinghad minnu li l-verzjonijiet tal-partijiet huma dijametrikament opposti u l-obbligu tal-prova hija fuq min jallega, riflessjoni tal-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Abbraccjat il-kazistika citata u l-konkluzjoni milhuqa fir-rigward mill-perit legali fir-rapport tieghu, li wassal sabiex giet illiberata l-konvenuta u ghamlitha parti mis-sentenza. Imbaghad l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex iddikjarat li ma tistax taqbel mal-bqija tal-konkluzjonijiet peritali fejn ikkonkluda li l-kuraturi deputati ghandhom ikunu huma li jirrifondu l-ammont ta' flus mitluba mill-attur.

18. Inoltre, l-ewwel Qorti spjegat li l-kuraturi deputati kienu jirraprezentaw lil persuna jew persuni li ghal xi raguni jew ohra jkollhom htiega ta' rapprezentanza u ghalhekk ma jistghux jigu akkollati bl-oneru finanzjarju li ghalih huma jkunu ghal kollox estranei. Kwindi kif gustament osservat mill-konvenuta appellata, l-ewwel Qorti elenkat il-principji stabbiliti mill-perit legali li taqbel maghhom u elenkat il-principju stabbilit mill-perit legali fejn ma qablitx mieghu u f'kull kaz tat ir-ragunijiet taghha. Fl-ahhar tas-sentenza gie affermat mill-ewwel Qorti li kunsidrati l-verzjonijiet kontrastanti, qieset li l-attur appellant ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk waslet biex irrespingiet it-talbiet tal-attur u laqghet ir-risposti tal-konvenuti. Isegwi li ma jezistux ragunijiet validi sabiex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla.

19. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju sabiex jigi determinat jekk l-apprezzament tal-ewwel Qorti kienx wiehed zbaljat u fl-ahhar mill-ahhar is-sentenza titqiesx gusta fis-sustanza taghha. Filwaqt li fir-rikors tal-appell l-attur appellant jiccita estensivament minn gurisprudenza fis-sens li jinkombi lill-attur jipprova t-talba tieghu, billi jressaq l-ahjar prova u dwar l-apprezzament tal-provi mill-Qrati, jargumenta li f'dan il-kaz, l-ahjar prova kieku setghet issir, kienet permezz ta' Henry Coleiro, li sfortunatament illum m'ghadux haj u ghalhekk l-attur ressaq provi sekondarji sabiex jiehdu post l-prova principali, f'dan il-kaz ressaq lil Nazzareno Lia u Ronald Attard, li kienu xhieda okkulari li raw lill-istess attur jghaddi l-flus lil Henry Coleiro. Dan apparti provi ohra li l-attur ressaq li jdghajfu dak li qalet il-konvenuta, li jipprovaw li mhix xhud kredibbli. Jishaq li l-Qrati taghna jghallmu li l-kunflitt ta' provi huma haga li dejjem iridu jkunu lesti ghaliha, f'kaz ta' verzjonijiet kontrastanti ghandha tapplika s-soliti kriterji ta' kredibilita`, konsistenza u verosimiljanza sabiex gudikant ikun konvint fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet. Kwindi jargumenta li, ladarba f'dan il-kaz ix-xhieda tal-attur kienet korroborata minn zewg xhieda indipendenti mressqa minnu, l-Qorti kellha temmen ix-xhieda tieghu. Isostni li ghalkemm il-konvenuta xehdet li qatt ma tkellmet mieghu u ma tafux, mill-atti jirrizulta mod iehor, provi cari u inekwivoci tal-inkonsistenza f'dak li qalet l-intimata.

20. L-attur appellant jislet estensivament siltiet shah mix-xhieda tal-partijiet fil-kawza, kif ukoll tax-xhieda Nazzareno Lia, Ronald Attard, u Reuben James Xuereb fost ohrajn. Jiccita diversi awturi Inglizi dwar l-importanza li jsir il-kontro-ezami, kunsidrat li l-ligi procedurali taghna ssib il-fonti taghha fid-dritt Ingliz. Jishaq li ma sarx il-kontro-ezami da parti tal-konvenuta appellata lix-xhieda Nazzareno Lia u Ronald Attard. Jinsisti li l-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi huma b'sahhithom bizzejjed sabiex wahda teghleb lill-ohra, apparti li l-verzjoni tal-attur hija fuq bazi ta' probabbiltajiet, b'sahhitha bizzejjed. Jinghad li l-attur hass il-htiega li jaghmel riassunt tax-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti peress li fis-sentenza ma tinghata ebda hjiel ta' kif waslet ghall-konkluzjonijiet taghha li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tirrigetta t-talbiet tal-appellanti.

21. Apparti li, l-ewwel Qorti ezatt qabel id-decide tas-sentenza qalet espressament li ma tqisx li r-rikorrenti irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati, jigifieri tat raguni valida ghad-decizjoni taghha, in kwantu ghall-aggravju tal-attur appellant dwar l-allegat apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti, kif gie kostantament ritenut drabi ohra minn din il-Qorti, l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri. Kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Terres Co. Ltd. et v. L-Ghajn Construction Company Limited et**, deciza fit-28 ta' April, 2017:

> "*Kif kellha diversi okkazzjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti tirrileva, li bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti*".

Sabiex jigu applikati l-imsemmija principji, madankollu, xorta tibqa' l-htiega li din il-Qorti tanalizza l-provi in atti sabiex tkun tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

22. Din il-Qorti taqbel ma' hafna mill-principji procedurali esposti mill-attur appellant. Hekk per ezempju, n-norma procedurali stabbilita permezz tal-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija li kull min jippretendi li ghandu dritt f'kawza, ghandu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-bazi tal-pretensjoni tieghu. Dan il-principju jsib il-qafas tieghu fir-regola fundamentali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Hekk kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** (kif konfermata minn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 2017)**:**

> "*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli*[4]*. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni*[5]*. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li*

[4]App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet *Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil*

[5] Ara, per eżempju, P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet *Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et*

> *actore non probante reus absolvitur*[6]*. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju*[7]*. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha*[8]*;*

23. Jigi nnutat illi l-aggravju tal-attur appellant qajla jista' jirnexxi. Dana peress li fi kliem l-istess attur appellant kien jinkombi fuqu li jressaq l-ahjar prova. Issa fin-nuqqas ta' Henry Coleiro, l-attur ghazel li jressaq tliet xhieda partikolari li huma lkoll hbieb tieghu. Tnejn minnhom huma Nazzareno Lia u Ronald Attard, allegatament xhieda okulari ghad-depozitu li sar favur il-konvenuti. Ghalkemm huwa minnu li ma sarx il-kontro-ezami ta' dawn iz-zewg xhieda, il-fatt li gew prodotti dawn iz-zewg xhieda, ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen kull ma jghidu dawn iz-zewg xhieda b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar dak kollu li xehdu dawn ix-xhieda favur l-attur. Xhud ma jigix prodott bhala xhud sabiex jixhed "favur" parti jew "kontra" parti ohra imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha u xejn anqas minn dik il-verita` kollha (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe.**)

---

[6] Ara, per eżempju, P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet *Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd.*

[7] App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet *Emanuel Ċiantar v. David Curmi noe*

[8] App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet *Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et*

24. Tajjeb li jigi osservat li l-attur Carmelo Vella kien ilu jahdem ma' Henry Coleiro ghal madwar tmintax-il sena u l-attur jiddeskrivih bhala habib kbir, mentri ghalkemm l-attur jghid li kien jaf lilu u lill-familja Coleiro sew u li kellu fiducja fih u fil-familja tieghu, l-impressjoni ta' din il-Qorti hija li l-hbiberija u l-fiducja ghamja li kellu l-attur kienet f'Henry Coleiro, filwaqt li l-bqija tal-familja Coleiro kienu aktar nies li jafhom milli midhla taghhom, daqs kemm jipprova jaghti l-impressjoni l-attur. Hawn tqum il-mistoqsija, ladarba l-attur appellant kien daqstant hbieb ma' Henry Coleiro, x'kienet ir-raguni li minflok afda l-flus ma' dan il-habib, l-attur ghazel li jafdahom m'oht Henry, il-konvenuta, li zgur ma kellhiex daqstant relazzjoni tajba mieghu bhal ma kellu ma' huha Henry? L-attur jghid li ghamel hekk fuq suggeriment tal-istess Henry Coleiro, imma fil-verita`, dan il-punt iqanqal l-ewwel dubju. Diskrepanza ohra hija li ghalkemm fir-rikors promotur guramentat l-attur appellant jghid li afda f'idejn iz-zewg konvenuti s-somma flus, ix-xhieda tal-attur tul il-kawza hija fis-sens li d-depozitu sehh meta f'Novembru 2007, huwa ltaqa' fir-*reception* tal-General Workers' Union flimkien mal-konvenuti fil-prezenza ta' zewg xhieda, u li ghadda l-flus f'idejn il-konvenuta li ghaddithom u tefghathom fil-baskett taghha. Dan iwassal ghal mistoqsija ohra, jekk il-flus inghataw bhala depozitu f'idejn il-konvenuta, x'kienet ir-raguni li meta gie nieqes Henry Coleiro, Ruben James Xuereb jixhed li l-attur qallu "*X'bicca gratli issa li gie nieqes Henry",* jekk kemm-il darba jghid li l-flus ghaddiehom lill-konvenuta?

25. Dubju iehor li jinsorgi huwa dwar dak li l-istess attur jiddeskrivi bhala l-provi sekondarji in sostituzzjoni tal-prova principali, cioe` Nazzareno Lia u Ronald Attard iz-zewgt ihbieb tieghu li qaghdu bhala xhieda okkulari tad-depozitu li sar, li qajla jistghu jissejhu indipendenti. Din il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, dan jghodd ukoll ghal dawk il-persuni l-ohra li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif graw l-affarijiet. (ara sentenza **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** citata hawn qabel.) Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tabilhaqq taqbel mal-perit legali li, fin-nuqqas ta' Henry Coleiro li jixhed, l-ahjar prova ghall-attur kienet tkun li kieku tella' bhala xhud indipendenti rapprezentant tal-Bank fejn suppost sehhew it-transazzjonijiet bankarji, bhal meta l-attur jikkontendi li l-flus gew konvertiti f'Euro fil-fergha tal-BOV f'Marsascala jew fejn kienu qeghdin jinzammu l-flus (il-konvenuta tixhed li l-attur qalilha li l-konvenut kien iddepozita dawn il-flus f'*safe deposit box* fil-fergha tal-BOV, il-Fgura.) Fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti bhal ta' qabilha, ma tinsabx konvinta mill-verzjoni tal-attur minkejja li tinsab "konfermata" minn zewg xhieda ohra.

26. Hekk ukoll, ghalkemm l-attur ressaq lil habib iehor jixhed, Ruben James Xuereb sabiex jipprova li huwa kien jaf lill-konvenuta tant li kien jaraha u jitkellem maghha fil-bar li kien jiggestixxi Xuereb, flimkien ma' Henry Coleiro, fil-Grounds Peppi Delceppo, f'Bormla, fil-fehma ta' din il-Qorti dan ix-xhud m'huwa xejn affidabbli. Dan jinghad peress li dan l-istess xhud jghid li ghalkemm huwa ha l-kuntratt tal-bar ghall-perjodu ta' sentejn, izda wara ftit xhur telaq u hallieh f'idejn il-konvenuti. Issa minn ittra mahruga mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, datata 6 ta' Marzu, 2012, (ezebita bhala Dok. LCB1 in atti flimkien mad-dokumenti tar-rapport peritali), jirrizulta li ghalkemm Ruben James Xuereb ha l-kuntratt ghall-perjodu ta' sena bejn it-8 ta' Mejju, 2007 u s-7 ta' Mejju, 2008, huwa waqaf qabel, tant li gie ffirmat kuntratt gdid fit-3 ta' Dicembru, 2007. Meta Xuereb kien mistoqsi in kontro-ezami meta waqaf jahdem il-Bar huwa qal li ghamel madwar erba' xhur jahdem hemm u li x'aktarx li telaq f'Settembru meta suppost baqghu jmexxuh il-konvenuti bejniethom. Ghalhekk jirrizulta li jekk kemm-il darba huwa spicca mill-Bar f'Settembru, 2007, huwa ghal kwantu impossibbli li sema' lill-konvenuta tghid lill-attur f'zewg okkazjonijiet li meta jrid il-flus jista' jitlobhomlha u jehodhom jew "*Meta trid ejja ghalihom.*", peress li fi kliem l-istess attur id-depozitu suppost sehh f'Novembru, 2007, kwindi xahrejn wara li Xuereb spicca jiggestixxi l-bar!

27. Isegwi li l-fatt li l-verzjoni tal-attur tinsab ikkorroborata mix-xhieda, ilkoll hbieb tal-attur, u li fil-kaz ta' tnejn minnhom ma sarx il-kontro-ezami taghhom, dan ma kienx bizzejjed sabiex jeghleb il-mizien favur il-pretensjonijiet tal-attur kif jippretendi l-appellant. Dan peress li l-provi mressqa mill-attur, ma joffrux ic-certezza morali f'mohh il-gudikant li qieghed jiddeciedi. Wara kollox, id-decizjoni tal-Qorti ghandha tkun wahda fuq bilanc ta' probabilita` u mhux ibbazata fuq mera possibilita`. Din il-Qorti mhix konvinta li l-attur appellant gab il-prova soda mehtiega ghall-konvinciment taghha fuq bilanc ta' probabilita`.

28. Jinhass xieraq li jigi pprecizat biss li meta l-perit legali kkonkluda fir-rapport tieghu li filwaqt li l-konvenuta Stefania Schembri Coleiro ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu fil-konfront tal-kuraturi rapprezentanti l-eredi incerti ta' Henry Coleiro u konsegwentement ghandhom jigu kkundannati jirrifondu s-somma ta' €27,952.48, dan kien qieghed jinghad fl-isfond tal-fehma tieghu, spjegata fil-paragrafi precedenti tar-rapport, li t-talba tal-attur giet ippruvata fuq il-bilanc tal-probabiltajiet, fil-konfront tad-*decuius* Henry Coleiro. Dan fil-verita` ma kienx ifisser li l-kuraturi deputati ghandhom jigu kkundannati jhallsu din is-somma flus personalment, izda fil-vesti taghhom in rapprezentanza tal-eredi incerti ta' Henry Coleiro. Kwindi jekk xejn hija l-eredita` ta' Henry Coleiro li kellha titghabba bil-kundanna tal-hlas.

29. Madankollu, din il-Qorti lanqas ma tinsab konvinta li sehh dan id-depozitu favur Henry Coleiro. Dan jinghad peress li l-kuntratt ta' depozitu jista' jkun jew wiehed volontarju, (Artikolu 1896 tal-Kodici Civili), jew depozitu necessarju (Artikolu 1921 tal-Kodici Civili). Fiz-zewg kazijiet jehtieg li ssir il-prova tal-kunsens kemm ta' dak li jiddepozita, kif ukoll ta' dak li jircievi l-haga b'depozitu. Hekk per ezempju nghad illi:

> *"id-depositu volontarju jsir bil-kunsens ta' minn jaghmel id-depositu u ta' minn jircevih. Fil-gurisprudenza u d-duttrina huwa ritenut li l-kunsens huwa mehtieg anke ghad-depositu necessarju ghaliex anke dan huwa propjament kuntratt ghalkemm il-kagun tieghu tkun necessita' fatali…." (***Vol. XXXII, P.I, p 188)***

30. Fid-dawl tal-gurisprudenza u d-duttrina suesposta din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jinghad illi l-flus ghandhom jitqiesu li ghaddew ghand Henry Coleiro taht titolu ta' depositu. Ghalkemm din il-Qorti ssib li din hija possibilita` ta' dak li gara, fis-sens li l-attur feda l-flus f'idejn Henry Coleiro fil-prezenza ta' ohtu Stephanie Coleiro, madankollu fid-dawl tax-xhieda kollha mressqa mill-attur fis-sens li l-flus ghaddew f'idejn il-konvenuta, (u mhux Henry Coleiro) din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talbiet fil-konfront tal-eredita` tal-istess Henry Coleiro, ladarba tonqos il-prova kardinali tal-kunsens tad-depozitarju u dan konsegwenza tal-provi konfliggenti mressqa mill-istess attur appellant. Ghalhekk lanqas it-tieni aggravju dwar l-apprezzament tal-ewwel Qorti ma jista' jintlaqa' u ser jigi michud. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-

sentenza tal-ewwel Qorti, in kwantu titqies ukoll li hija wahda sostanzjalment gusta.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tat-22 ta' Jannar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur Carmelo Vella.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr